# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum 23 ta' Lulju 2020**

Appell numru 437 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs**
**Christopher CASSAR**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-10 ta' Dicembru 2018 fil-konfront ta′ Christopher CASSAR detentur tal-karta tal-identità bin-numru 348678M fejn ġie mixli:

   Talli fid-19 t' Awissu 2004 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

   1. Fornejt jew ipprokurajt jew offrejt li tforni jew tipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellek licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kont awtorizzat bir-

regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN292/1939), jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga msemmija minghajr ma kont fil-pussess ta awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellek licenzja li tipprokura l-istess droga , u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tan-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. aktar talli fl-istess lok, hin w cirkostanzi ikkommettejt l-imsemmija reati kriminali fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22 sub inciz 2 (II) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. aktar talli kellek fil-pussess tieghek id-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kontx fil-pussess t'awtorizazzjoni ghal importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-istess Ordinanza u meta ma kellekx il-licenzja jew xort'ohra awtorizazzjoni li timmanifattura, jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kontx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilek ghal uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolamenti 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba titratta mall-imputat Christopher Cassar talli kiser il-kundizzjoni ta' sentenza ta' sentejn habs sospiza ghal erba' snin imposta fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' Jannar 2001.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, rat l-Artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Taqsima 4 u 6 tal-Kap 101, Regolamenti 4 u 8 tar-Regoli għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N 292/1939), kif emendat il-Kapitolu 101 tal-

Liġijiet ta' Malta, u t-tieni proviso tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u stqarret illi :

> Jirrizulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fid-decizjoni taghha tad-19 ta' Gunju 2007 kienet gia indikat illi, mill-provi prodotti, kien hemm provi sufficjenti li jsahhu l-kaz '*bil-grad rikjest fil-Kamp Kriminali, u cioe' sal-livell probatorju beyond reasonable doubt*', u dina l-Qorti taghmel taghha l-kunsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet kollha maghmulha minn dik il-Qorti fid-decizjoni taghha fuq imsemmija.
>
> Dana qieghed jinghad, ghaliex jirrizulta bic-car li Patrick Spagnol ikkonferma li huwa xtara droga minghand l-akkuzat u, kif jghid hu, '*kont immur daqqa d-dar tieghu u daqqa jaghtini fejn il-bandli ta' Haz-Zabbar*' (fol 44) filwaqt li Rodney Vella kkonferma illi darba f'Gunju tas-sena 2004 kien xtara minghand l-akkuzat droga.
>
> Jirrizulta wkoll li l-akkuzat kien jbiegh u jforni d-droga lin-nies, inkluz dawk li xehdu quddiem dina l-Qorti, f'distanza ta' inqas minn mitt metru mill-perimetru ta' skola, clud jew centru taz-zghazagh, dana kif jidher fid-dettall fir-rapport tal-Espert Perit Valerio Schembri mqabbad mill-Ewwel Qorti (Fol 69-75).
>
> Jirrizulta illi, abbazi tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-Ewwel Qorti ma kelliex tasal ghal konkluzjonijiet illi l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx ippruvati, u ghalhekk din l-Qorti kif komposta ma tara ebda raguni ghaliex ma ghandhix, <u>hija wkoll,</u> ghall-istess ragunijiet maghmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza fuq citata, issib lil akkuzat hati tal-akkuzi kollha.
>
> Jirrizulta finalment, illi ghalkemm l-abbli difensur tal-akkuzat meta ttratta dwar il-piena, ikkontendad illi l-akkuzat qieghed jahdem u li biddel hajtu kompletament, prova ta' dan ma ngabitx, u il-Qorti tqis illi l-akkuzi kif dedotti huma ta' natura serja hafna illi jinhtieg piena idonea ghaliha.
>
> Jirrizulta wkoll illi fid-19 ta' Jannar 2001, l-akkuzat kien inghata sentenza sospiza ta' sentejn habs sospizi ghal erba' snin, u ghalhekk l-azzjonijiet mertu tal-akkuzi odjerni sehhew fil-perjodu operattiv ta' tali sentenza sospiza. (vide fol 18 sa 34).

3. Illi għal dawk il-motivi dik il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjoni b'assorbiment tat-tielet imputazzjoni, u kkundannat lill-imputat għal sentejn priġunerija,

li minnhom jitnaqqas iż-żmien li fih l-imputat għamel f'arrest preventiv għall-imputazzjoni odjerni, u kkundannatu għal multa ta' tliet elef Euro (3000 Euro) li, bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tkun tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' tliet mitt Euro (300 Euro), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena ta' priġunerija erogata permezz ta' din is-sentenza, u għal dan il-għan ir-Reġistratur ġie ordnat jivverifika mal-awtoritajiet karċerarji din id-data, b'dan illi jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi, u dan fil-konfront tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

4. In oltre, dik il-Qorti rrendiet operattiva s-sentenza ta' priġunerija sospiża datata 19 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet '*Il-Pulizija vs Michael John Mulett, Christopher Cassar u Manwel Cachia*' fejn dina tirrigwarda l-istess imputat Christopher CASSAR u għalhekk, daħlet fis-seħħ is-sentenza ta' sentejn priġunerija, b'żieda ma dak li ġie kkundannat, u dan fil-konfront tar-raba' imputazzjoni. Il-Qorti ikkundannat lill-CASSAR iħallas ukoll għall-ispejjeż peritali tal-każ a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat id-distruzzjoni tas-sustanza u l-oġġetti relatati mad-droga eżebiti bħala Dok D (fol 4) hekk kif is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi *proces-verbal* li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux iktar tard minn ħmistax il-jum minn tali distruzzjoni; u dan sakemm fi żmien

ġimgħa mid-data tas-sentenza l-Uffiċjal Prosekutur ma jinfurmax lill-Qorti permezz ta' nota illi huwa neċessarju illi s-sustanza u/jew xi waħda jew iżjed mill-oġġetti eżebiti jiġu ppreżervati għal skop ta' xi proċeduri oħrajn kontra terzi, b'dan illi f'dan il-każ ir-Reġistratur għandu jirraporta lil din il-Qorti, b'verbal, meta din id-droga tkun ġiet hekk distrutta.

5. Illi minn din is-sentenza Christopher CASSAR interpona appell permezz ta' rikors datat 14 ta' Diċembru 2018 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tillibera lill-esponenti minn kull imputazzjoni u piena, u subordinatament u bla preġudizzju, tirriduċi l-piena sabiex tirrifletti r-riforma tal-esponent mis-sena 2004 sa llum, prova inekwivoka li huwa biddel ħajtu, anzi, reġgħa bena mill-ġdid il-ħajja tiegħu, wara li saħaq is-segwenti: -

Illi l-aggravju tal-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

1. Illi l-esponent jissottometti bir-rispett illi d-difiza ewlenija tieghu ma gietx moghtija l-piz misthoqq. Huwa ssottometta li hemm ix-xhud Spagnol kif ukoll ix-xhud Vella t-tnejn kellhom jew ghandhom diversi kazijiet kriminali pendenti kontra taghhom li jirrigwardaw it-tehid tad-droga u dan jirrendi l-verzjoni taghhom mhux tali li l-Qrati jistghu jistriehu fuqha biex isibu l-htija fil-konfront ta' haddiehor. Difatti, fis-sentenza appellata stess (pagna 6) insibu miktub: 'Patrick Spagnol gie ntercettat mill-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga, u arrestat, fejn gew misjuba fuqu pakkett kontenenti qartas tal-foil bl-eroina. Patrick Spagnol irrilaxxa stqarrija fejn ammetta li xtara minghand l-imputat Cassar id-droga eroina, u din l-istqarrija giet debitament guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa..' Dan juri li x-xhieda ta' Patrick Spagnol m'ghandhiex tkun il-bazi ghas-sejbien ta' htija kontra l-esponent gjaladarba huwa kien inqabad fix-xibka u l-istint tieghu jiddettalu li jsir isib mezz kif johrog minnha. L-istess jghodd ghax-xhieda ta' Rodney Vella. Fuq dan l-ahhar jinghad (ukoll f'pagna 6) : 'Rodney Vella kien ukoll irrilaxxa stqarrija lill-Ispettur Pierre Grech, liema stqarrija giet ukoll guramentata quddiem il-Magistrat tal-Ghassa ..' Jinghad ukoll : 'hemm ix-

xhieda ta' Rodney Vella li kkonferma li huwa kien xtara d-droga eroina minghand l-imputat, bid-dettalji ghar-rigward tal-prezz u l-post minn fejn inxtrat, u li wkoll gharaf lill-imputat.' Dan ukoll juri li x-xhieda ta' Rodney Vella m'ghandhiex tkun il-bazi ghas-sejbien ta' htija kontra l-esponent gjaladarba huwa kien inqabad fix-xibka u l-istint tieghu jiddettalu li jrid isib mezz kif johrog minnha. Ghal min hu midhla tal-kamp penali, l-istess bhalma nghidu li elf suspett ma jaghmilx prova, hekk ukoll elf stqarrija ta' bniedem li nqabad mill-pulizija m'ghandhiex **wahedha** taghmel prova kontra persuna mdahhla mieghu u arrestata mieghu. Kull gudikant ta' esperjenza jaf illi meta persuna tigi arrestata u ssib ruhha fl-inkwiet mall-pulizija, hija taghmel minn kollox biex issib kenn, inkluz li tista' tasal biex tigdeb fuq haddiehor, peress li l-istint jiehu s-sopravvent fuqha. Kien ghaqla l-Legislatur meta kien jirrikjedi l-korroborazzjoni permezz ta' prova ohra indipendenti. Sfortunatament, dak is-salvagward tnehha mill-ligi u issa hemm inqas protezzjoni f'cirkostanzi bhal dawk. Ghalhekk, id-difiza ma taqbilx mar-raziocinju kif ukoll mal-konkluzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ili -

> 'Ghalhekk, ix-xhieda moghtija minn Rodney Vella u Paul Spagnol ghandha titqies bhala korroborazzjoni accettabbli w indipendenti a favur tat-tezi mressqa mill-Prosekuzzjoni kontra l-akkuzat w prova accettabli minn din l-Qorti.'

Il-kelma 'korroborazzjoni' ghandha tifsira partikolari fil-qasam penali, u cioe' tfisser dik ix-xhieda jew dik il-prova indipendenti jew prova cirkostanzjali li tikkonnetti lill-akkuzat mat-twettiq tar-reat. Ghalhekk, meta l-Qorti ssemmi 'korraborazzjoni,' u tikkwalifikaha bhala 'accettabbli u indipendenti', il-kelma 'korraborazzjoni' mhix qed tintuza tajjeb. Jekk Vella u Spagnol jitqiesu korraborazzjoni, allura sewwa qed tghid id-difiza, li din mhi korraborazzjoni xejn ghax mhix prova li tnissel (a) affidament, (b) serenita' tal-mohh, u (c) li tista' tistrieh fuqha, stante li dawn huma t-tnejn '*suspect witnesses*', it-tnejn li huma diga' b'saqajhom go l-ixkora, it-tnejn gew arrestati u t-tnejn kienu esponew ruhhom ghal proceduri kriminali kontrihom. Ghalhekk, ix-xhieda taghhom ghandha tigi mwarrba.

2. Mill-aspett procedurali, id-difiza invokat l-insenjament li jinsab fis-sentenza erudita *Repubblika ta' Malta kontra Francis Casaletto* moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Marzu 1985, li fis-16 ta' Novembru 2018 giet esebita kopja taghha fuq rikjest mill-Qorti tal-Magistrati. Kif hemm jirrizulta, meta l-pulizija tarresta persuna u tohdilha stqarrija u l-pulizija tiddeciedi li titlob l-attendenza tal-Magistrat biex dik l-istqarrija tigi guramentata quddiemu, il-kontenut ta' dik l-istqarrija la qatt kien u lanqas qatt ma jista' jsir 'xhieda viva voce'. Fis-sentenza citata nsibu d-distinzjoni netta li tezisti bejn l-istqarrija mehuda mill-Pulizija u x-xhieda

viva voce. Hemm bahar jaqsam, u dan il-fatt ma jista' jichdu hadd. Illi s-sentenza appellata f'pagna 11 irrimarkat -

> 'Il-Qorti tosserva wkoll illi, a differenza ta' dak illi qieghed jikkontendi l-abbli difensur tal-akkuzat, l-istqarrija illi kienet giet moghtija lill-pulizija, giet moqrija biss wara illi l-istess xhieda kienu xehdu 'viva voce' u taw il-verzjoni tal-fatti kif jafuha huma u gharfu lill-akkuzat bhala l-persuna illi fornihom id-droga.'

Illi d-difiza mhix konvinta u ma tista' qatt tikkonvinci ruhha, illi l-fatt li tintuza dina l-procedura, zgur iwassal ghall-ghan li tingabar xhieda 'viva voce'. Il-persuna li jkollu quddiemu l-Magistrat (i) tkun inqabdet twettaq reat, (ii) tkun giet arrestata, (iii) tkun giet mitkellma, jew ahjar, <u>interrogata</u> mill-pulizija, (iv) tkun ga' <u>rrilaxxat stqarrija</u>, mehuda b'domandi serrati u hafna drabi kapzjuzi (almenu dak iz-zmien, stante li llum hemm id-dritt ghall-assistenza ta' avukat waqt l-interrogatorju) - u allura dik il-persuna tkun taht idejn minn ikun qed izommha hemm arrestata. Jigi l-Magistrat biex jismaghha bil-gurament u <u>ma jkunx konxju ta' dak li jkun gara qabel</u>, biex ix-xhud 'ikanta' skond il-'muzika' pre-stabbilita' mill-puliizja. Dawn huma r-riskji rejali ezistenti fiz-zmien rilevanti ghall-kaz, u dan ma jista' jichdu hadd, ghax kulhadd jaf kemm graw stejjer minn dawn fl-ufficju tal-Iskwadra kontra d-Droga, fl-Ghases tal-Pulizija u fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u hafna minnhom huma dokumentati.

3. Illi subordinament u minghajr prejudizzju ghall-ewwel aggravju, qed jigi sottomess illi miz-zmien tal-investigazzjoni 'il haqwn, il-ligijiet kriminali fir-rigward ta' *sharing* ta' droga nbidlu. Is-sentenzi li qed issir referenza ghalihom jitkellmu fuq pussess semplici. Izda s-sentenza appellata ma haditx in konsiderazzjoni l-bidliet fil-ligi. M'hemmx dubju li fiz-zmien tal-investigazzjoni, l-esponent kien persuna li abitwalment jiehu d-droga u dan il-fatt jinsab accettat fl-atti ta' din il-kawza ghax jirrizulta abbondantement. Ghalhekk, peress li l-esponent kien *drug addict* u d-droga li kien jakkwista kienet tintuza biex huwa u shabu jissodisfaw il-pjaga li waqghu fiha, huwa kien intitolat li jibbenefika mill-bidliet fil-ligi (ara, per ezempju, Pulizija vs Eric Seychell, deciza mill-Magistrat (illum Onor. Imhallef Emeritus Lawrence Quintano.)

## *Ikkunsidrat :-*

6. Illi nhar id-19 ta' Awwissu 2004, wara jiem ta' osservazzjoni, il-Pulizija tal-Iskwadra ta' kontra d-Droga kkonduċew tfittxija fir-residenza tal-appellant, ċjoe fl-indirizz 5, Triq Santa Domenika, Ħaż-Żabbar fejn irriżultaw għadd t'oġġetti ritenuti *parafernalia*

relatati mal-abbuż tad-droga eroina. Il-Pulizija arrestaw xi nies illi kienu għamlu kuntatt mal-appellant u li kienu magħrufa bħala dipendenti tad-droga, fosthom lil Rodney Vella u Patrick Spagnol. Spagnol kien ġie interċettat, imwaqqaf u arrestat dakinhar stess tat-tfittxija. Dan kien ġie arrestat wara li l-Pulizija ratu jagħmel kuntatt mal-appellant fejn ir-residenza tal-istess appellant. Wara li sar dan il-kuntatt, il-Pulizija għamlulu tfitxija fejn fil-pussess tiegħu nstab qartas b'sustanza kannella suspettata eroina.

7. Spagnol ġie interrogat mill-Pulizija. Hu ikkonferma li jabbuża mid-droga u li dik is-sustanza misjuba fuq persuntu kienet droga eroina li hu kien għadu kif akkwistaha mingħand l-appellant. Spagnol ikkopera mal-Pulizija u iġġuramenta l-istqarrija tiegħu. Meta tressaq il-Qorti huwa ammetta għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu.

8. Kemm Rodney Vella kif ukoll Patrick Spagnol, xehdu *viva voce* fil-konfront tal-appellant matul dawn il-proċeduri.

9. L-appellant ġie wkoll mitkellem mill-Pulizija. Hu ma nnegax li jabbuża mill-eroina għal skopijiet personali, iżda ma wieġeb għal ebda domanda li saritlu għar-rigward l-allegat traffikar tad-droga.

***Ikkunsidrat : -***

10.Illi bħala Qorti tal-appell kriminali din hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddelx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

11. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

12. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

13. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi

---

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet ta' dik is-sentenza mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha.

14. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004;

15. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti. Dan ġie ukoll ikkonfermat minn ġurisprudenza kopjuża nostrana fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

16. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

17. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

18. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta li taqra l-imħuħ tax-xhieda biex tifhem xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom. Il-Qorti trid tistrieħ fuq il-provi diretti u indiretti li jkunu nġiebu quddiemha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha in bażi għalihom biss.

19. L-evidenza indiretta, ċjoe dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda. U xejn ħliefha. Għax

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

20. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

21. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

22. Biss din il-konklużjoni l-Qorti tista' tasal għaliha biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik

diretta u kif ukoll dik indiretta, b'mod li fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti tikkonkludi li tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni.

23. Fil-ġurisdizzjoni Maltija sabiex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat il-grad ta' suffiċjenza probatorja meħtieġ huwa dak *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ; li filwaqt li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, mill-banda l-oħra huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

24. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence,*** Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

25. Illi din it-tifsira insibuha fil-ġurisprudenza Maltija għal għexieren ta' snin. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

26. Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

27. Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ

konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

28. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

29. Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

30. Illi hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lil uħud mix-xiehda jixhdu quddiemha ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. Għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati għax tkun rat, semgħet u għexet il-proċess quddiemha. B'hekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati huwa eżerċizzju importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu u dan ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

31. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet il-provi kollha jew *in parte* direttament hi, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati u mbagħad tħalli f'idejn din il-Qorti, bħala qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss din il-Qorti, kif intqal ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq.

32. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

***Ikkunsidrat :-***

33. Illi l-appellant qiegħed jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment tistrieħ fuq it-testimonjanza ta' Patrick Spagnol u Rodney Vella peress illi t-tnejn li huma inzertaw persuni rinomati mal-Pulizija bħala li jabbużaw mid-droga u mhux attendibbli. Dawn xehdu kontra l-appellant biex isalvaw ġildhom. Huma kienu inqabdu fil-pussess u fil-konsum tad-droga. Minħabba dan id-Difiża tisħaq li x-xiehda tagħhom hija mmermra u mhix attendibbli – apparti li tgħid li ma kienx hemm prova oġġettiva li turi sal-grad rikjest mill-Liġi li l-appellant kien qed jittraffika d-droga. Dan peress li kienu biss dawn ix-xiehda li qalu hekk.

34. Apparti minn hekk, kif jirriżulta mis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Casaletto*** il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddeċidiet li l-piż debitu li kellu jiġi mogħti lid-deposizzjoni ta' xhud kellha tkun dik mogħtija fl-Awla u fil-pubbliku u viva voce – aktar minn stqarrija, anke jekk mogħtija bil-ġurament quddiem maġistrat.

35. L-appellant isostni wkoll li f'każ li dawn ix-xiehda kellhom jitqiesu kredibbli u attendibbli allura l-Qorti tal-Maġistrati kellha tqis dan il-każ bħala wieħed ta' traffikar kwalifikat bix-'*sharing*'. Dan il-kunċett, għalkemm ma kienx jeżisti fi żmien meta l-appellant kien tressaq il-Qorti, kien setgħa jwassal għal varjazzjoni fil-kwalita u kwantita tal-piena.

36. L-appellant jikkontesta għalhekk is-sejbien ta' ħtija tiegħu kif ukoll il-piena imposta fuqu – tant li finalment u sussidjarjament l-appellant qed jitlob reviżjoni tal-piena mposta fuqu.

***Ikkunsidrat : -***

37. Illi f'dan il-każ ġiet adoperata l-proċedura taħt l-artikolu 30A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi partikolarment għal dak li jirrigwarda t-testimonjanza ta' Patrick Spagnol u Rodney Vella. Dan l-artikolu jgħid hekk : -

> 30A. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

38. Issir referenza wkoll għad-diċitura tal-artikolu 30 tal-istess Ordinanza li jgħid :

> Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra.

39. Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali fejn qrat kemm l-istqarrijiet rilaxxati kif ukoll id-deposizzjonijiet ta' dawn ix-xhieda. Qrat ukoll ix-xiehda tal-Pulizija, inkluż dawk illi kienu qegħdin

jikkonduċu l-osservazzjonijiet fuq ir-residenza tal-appellant. Minn qari ta' dik it-testimonjanza jirriżulta li parti konsiderevoli tax-xiehda ta' Patrick Spagnol, ġie ppruvat anki permezz tax-xhieda okulari tal-Pulizija li kienu fuq il-post u li osservaw l-iskambju tad-droga bejn l-appellant u Spagnol – li seħħet quddiemhom.

40. Dawn il-Pulizija arrestaw lil Spagnol **wara li rawħ**

   i. jagħmel kuntatt mal-appellant fir-residenza tiegħu;
   ii. jirċievi oġġett mingħand l-appellant u li Spagnol qiegħed fil-but ta' wara tal-jeans tiegħu.

41. Il-Pulizija iċċirkondaw lil Spagnol hekk kif dan kien se jitlaq mir-residenza tal-appellant. Huma għamlu tfittxija fuqu dak il-ħin stess u sabu li l-unika ħaġa li kellu fil-but ta' wara tiegħu kien qartas li - skond dak li saħaq Spagnol - kienet eroina.

42. Spagnol mhux biss irrilaxxja stqarrija, ġuramentata, iżda xehed dettaljatament *viva voce* quddiem il-Qorti. Kien biss wara li ddepona illi intalab jikkonferma l-istqarrija tiegħu, li kien diġà ġġuramenta' quddiem Maġistrat Inkwirenti. Il-kontenut tal-istqarrija ġuramentata moqrija lilu irriżulta li jaqbel ma dak li xehed quddiem dik il-Qorti u Spagnol ikkonferma l-kontenut tagħha.

43. Rodney Vella kien ġie mitkellem mill-Pulizija meta hu wkoll kien qiegħed jiġi investigat dwar abbuż tad-droga. Vella kien nforma lill-Pulizija illi hu kien akkwista d-droga kemm mingħand l-appellant **kif ukoll** mingħand persuna oħra. Vella jispjega kif seħħ

dan it-traffikar. F'okkazzjoni minnhom, Vella jixhed li l-appellant kien qallu minn fejn seta' jakkwista d-droga, fejn l-appellant kien ipprovdilu hu stess id-droga mingħand ħabib tiegħu. Fit-tieni okkażżjoni Vella jixhed li kien xtara d-droga direttament mingħand l-appellant. Vella insista mal-Pulizija li ma kienx hemm aktar okkażżjonijiet minn dawk. Hu jgħid illi ma kienx jaf x'jismu l-appellant; iżda meta kien qed jixhed il-Qorti huwa kien għarfu minn wiċċu. Rodney Vella iġġuramenta l-istqarrija tiegħu quddiem il-Maġistrati Inkwirenti. Wara ġie prodott biex jixhed quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u wara li xehed *viva voce* u f'ċertu dettal, huwa ikkonferma l-istqarrija ġuramentata li kien offra quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

44. B'hekk f'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex għad-disposizzjoni tagħha biss id-deposizzjoni ta' persuni li tressqu biex jikkonfermaw stqarrija ġuramentata quddiem Maġistrati Inkwirenti; iżda kellha wkoll id-deposizzjoni ta' dawn il-persuni *ex novo, viva voce* quddiemha. U kien biss wara li huma kienu reġgħu irrakkuntaw il-fatti tal-każ skonthom u mill-memorja tagħhom li saritilhom riferenza għall-istqarrija ġuramentata li huma kienu irrilaxxjaw lill-Maġistrat Inkwirenti. Ix-xiehda tagħhom *viva voce* kienet waħda dettaljata u speċifika.

45. Apparti li l-Qorti tal-Maġistrati ma rritenithiex inattendibbli, qieset ukoll li kienet kemm kredibbli kif ukoll, kwantu għax-xiehda ta' Spagnol, sorretta minn provi oħra indipendenti minn dak li stqarr hu. F'dak il-każ kien hemm il-korroborazzjoni tal-Pulizija li kienu

in situ u li raw ir-reat ta' traffikar iseħħ quddiemhom. Inoltre, x-xiehda ta' Spagnol u ta' Vella, filwaqt li implikat lil terzi – fosthom lill-appellant fl-aspett tat-traffikar, ma kienetx tipprova tiskolpa lilhom mill-element tal-pussess tad-droga erojina. Il-fatt li dawn iż-żewġt xhieda huma rinomati fiċ-ċrieki tal-abbuż tad-droga ma jfissirx li huma ma kellhomx jingħataw affidament fir-rigward ta' dak li stqarrew bil-ġurament tagħhom għal darba tnejn. Naturalment il-Qorti tal-Maġistrati riedet toqgħod b'ċertu grad t'attenzjoni kif tistħarreġ din ix-xiehda – u dan bil-mezzi li ttiha l-Liġi – mhux l-anqas l-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali imsemmija aktar il-fuq. Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen il-verżjoni tal-fatti kif rakkuntati minn dawn iż-żewġt xhieda quddiemha u kwindi tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha.

***Ikkunsidrat : -***

46. Illi kwantu għall-kwalifikat tad-distanza tal-mitt metru mill-postijiet fejn sar l-allegat traffikar, din il-Qorti tirreferi għar-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri illi b'referenza wkoll għax-xhieda ta' Patrick Spagnol, li akkumpanjah fl-aċċessi li għamel, irriżulta li filfatt dan it-traffikar ad opera tal-appellant sar entro l-mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew ċentru taż-żagħżagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ.

B'hekk il-Qorti tikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li din il-kwalifika kienet pruvata f'dan il-każ.

***Ikkunsidrat : -***

47. Illi fir-rigward tas-sottomissjoni tal-appellant li dan l-att jista' jikkostitwixxi '*trafficking by sharing*', din il-Qorti jidhrilha li minn imkien mix-xiehda ta' Spagnol, Vella jew il-Pulizija ma jirriżulta li dak li seħħ bejn l-appellant, Spagnol u Vella jista' jitqies tali. Il-provi juru li kemm Spagnol kif ukoll Vella akkwistaw id-droga mingħand l-appellant għall-użu u l-konsum tagħhom iżda mhux biex jaqsmuha mal-appellant fl-istess post. Il-provi juru li n-negozju ta' droga li sar kien juri li l-appellant ipprovdilhom id-droga li huma talbuħ u tħallas tagħha u huma telqu l-hemm. M'hemm l-ebda indikazzjoni ta' '*sharing*' b'dan il-mod.

48. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi għal dak li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant.

49. Illi kwantu għall-imputazzjoni tal-pussess sempliċi tad-droga, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellant ħati ta' dan ir-reat iżda qieset li dan kien assorbit fir-reat maġġuri tat-traffikar tad-droga. Il-provi f'dan il-każ urew kif l-appellant kellu l-pussess

materjali tas-sustanza eroina fil-mument meta hu għadda l-istess għand Patrick Spagnol. Mit-tfittxijiet li għamlu l-Pulizija fir-residenza tiegħu, filwaqt li rriżultat parafernalia relattiva mal-użu tal-eroina li kienet id-droga in kwistjoni, ma nstabitx droga materjali fir-residenza tal-appellant u lanqas ma kien hemm traċċi tagħha fuq l-oġġetti elevati meta dawn ġew spezzjonati mill-espert maħtur Godwin Sammut. Biss l-appellant kien ikkonċeda li huwa kien jabbuża mid-droga tant li fir-rikors tal-appell wieħed mill-aggravji tiegħu kien preċiżament li f'dan il-każ ir-reat kien wieħed ta' *trafficking by sharing* u mhux sempliċi spaċċ. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-istqarrija li kien irrilaxxja l-appellant lill-Pulizija, liema stqarrija ma ġietx kontestata, u fejn huwa stess itenni li kien juża l-foil li sabu l-Pulizija biex jaħraq il-*heroin*.

50. Effettivament allura, b'rabta mal-ispaċċ li sar fil-konfront ta' Patrick Spagnol li ġiet osservata in flagranti mill-Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga, jidher filfatt illi semmai l-appellant kellu l-pussess aggravat, u mhux dak sempliċi tas-sustanza in kwistjoni. Il-prova rispekjata fil-proċess u li l-aktar wieħed jista jistrieħ fuqha tikkonċerna dik aggravata iżda l-Prosekuzzjoni xlietu bit-traffikar kwalifikat bid-distanza u bil-pussess sempliċi. Dan ukoll jista' jkollu impatt fuq il-piena li tista tiġi mposta fuqu.

*Ikkunsidrat : -*

51.Finalment, għal dak li jirrigwarda l-ksur tas-sentenza sospiża, l-Prosekuzzjoni ppreżentaw kemm is-sentenza fejn tirriżulta din il-piena, liema sentenza ingħatat fis-sena 2001 u fejn il-perijodu ta' sospensjoni mpost kien ta' erba' snin, kif ukoll il-prova dwar l-identita' tal-appellant permezz tax-xhieda tal-ex Spettur David Saliba. Jirriżulta wkoll li din is-sentenza kienet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Ir-reati de quo imputati bħala li ġew kommessi fid-19 t'Awissu 2004 u fix-xhur ta' qabel. Mill-provi prodotti ma jirriżultax li nġiebet xi prova li turi li dik is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma kienetx appellata u li kienet sentenza finali. Kif inhuwa l-istat tal-atti, din il-Qorti ma għandha ebda prova jekk l-imputat kienx appella minn dik is-sentenza u jekk dik is-sentenza ta' priġunerija ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin kienetx finali meta huwa kkommetta r-reati de quo. Din il-Qorti ma tistax tassumi li dik is-sentenza hija jew kienet finali jew li ma kienx sar appell. Kienet il-Prosekuzzjoni li xliet lill-appellant bil-kommissjoni tar-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża u kellha tkun l-istess Prosekuzzjoni li tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-fatt dik is-sentenza mhux biss li ingħatat, u li preżentat kopja awtentika u li l-appellant ġie identifikat li kien l-istess imputat li ġie kundannat b'dik is-sentenza; iżda riedet tipprova wkoll, bl-istess grad ta' sufficjenza probatorja li dik is-sentenza invokata kienet waħda finali kontra l-appellant. Il-Prosekuzzjoni ħalliet din il-prova nieqsa u b'hekk din

il-Qorti ma tqisx li jkun *safe and satisfactory* li tikkonferma l-ħtija tal-appellant fir-rigard tar-raba' imputazzjoni.

***Ikkunsidrat :-***

52. Illi jifdal biss l-aħħar gravam li jikkonċerna l-piena li għandha tiġi imposta fuq l-appellant fejn fil-fehma tal-appellant din hija waħda eċċessiva li għandha tiġi riżolta f'waħda ta' natura sospiża u mhux karċerarja u effettiva. Dan jgħidu wkoll fid-dawl tal-fatt illi l-appellant irriforma ruħu totalment minn meta nbdew il-proċedura sa' llum il-ġurnata.

53. Illi l-piena imponibbli għar-reat ta' traffikar flimkien mal-kwalifika tad-distanza tal-mitt metru huwa regolat skond l-artikolu 22(2)(b)(i) fejn il-parametri tal-piena għar-reat ta' traffikar ta' droga huwa ta' priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba'mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87), liema piena tiżdied bi grad fejn allura l-minimum impost ikun jammonta għal seba' xhur b'massimu ta' tnax-il sena priġunerija.

54. Apparti minn hekk l-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jeskludi l-applikazzjoni tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation*. L-unika

eċċezzjoni għal din ir-regola tapplika fil-każ meta wara li l-Qorti li tkun ser tiġġudika l-każ tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn. Kif intqal aktar il-fuq, il-provi f'dan il-każ ma jwaslux s'hemm. Din l-eċċezzjoni mijiex waħda applikabbli. Il-piena imposta għalhekk kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-piena. Iżda dik il-piena naqset milli tieħu wkoll in konsiderazzjoni l-element tat-trapass taż-żmien minn meta seħħ id-delitt mhux fattur li jnaqqas mir-responsabbilta' kriminali tal-ħati iżda f'ċerti ċirkostanzi stretti jista' jiġi meħud in konsiderazzjoni mill-Qorti meta tiġi biex teroga l-piena.[11]

## *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi il-Qorti tilqa' l-appell in parti billi filwaqt li

(a) tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu;

(b) tħassarha f'dik il-parti fejn

  (i) sabitu ħati tar-raba' imputazzjoni u

  (ii) fejn ukoll ikkundannatu għall-piena ta' sentejn priġunerija flimkien ma multa ta' tliet elef euro (€3000)

[11] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et*** deċiża fit-2 t'Ottubru 2002.

(iii) kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat li s-sentenza ta' sentejn priġunerija sosipiżi għal erba' snin imsemmija aktar il-fuq tiġi fis-seħħ;

u minflok :

(c) tilliberah mir-raba' imputazzjoni,

(d) u kwantu ta' piena relattivament għall-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, dil-Qorti tikkundannah għal **sbatax il-xahar priġunerija**, li minnhom għandu jitnaqqas l-ammont ta' żmien li l-appellant għamel taħt arrest preventiv, flimkien ma **multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500)**.

Salv għal dak mibdul b'din is-sentenza kif imsemmi aktar il-fuq, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija tagħha.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***